MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 489/2012

**Emanuel Bonello**

**-vs-**

**Carmen Bonello**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Carmen Bonello, li permezz tieghu, talbet lil din il-Qorti:

Tirrevoka u thassar il-mandat ta' sekwestru numru 1519/2009, *ai termini* ta' l-Artikolu 281 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Taghti dawk il-provvedimenti u ordnijiet ohra necessarji u opportuni fic-cirkostanzi inkluz li kwalunkwe somom

depozitati fl-atti ta' dan il-mandat jigu liberati f'isem ir-rikorrenti minghajr il-bzonn tal-kunsens ta' l-intimat.

Rat it-twegiba.

Rat l-atti tal-mandat.

Tinnota illi r-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru 1519/09 sar fid-9 ta' Settembru 2009.

L-istess rikors ma gie qatt degretat u ghalhekk fil-fatt ma tezisti a tenur tar-rikors 1519/09 ebda ordni lill-ebda sekwestrarju stante li ma nghatat ebda ordni mill-Qorti: Ghalhekk, l-att 1519/09 m'ghandu ebda effett. Talba ghar-revoka ta' l-istess hija superfluwa.

Ghaldaqstant, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-rikors.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------